MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 538/2002

**Stefan Farrugia ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Futuretech"**

**Vs**

**Prova Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef tlett mija u wiehed u hamsin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm3351.80) dovuta mis-socjeta konvenuta bhala bilanc ta prezz ta' bejgh u installazzjoni ta' equipment ta' sound system ghall-hanut "Insomnia" ta' Triq San Gorg, Pacevile.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awissu 2002, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-23 ta' Gunju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalita’ tieghu premessa s-somma ta' Lm3351.80,0 bl-imghax legali mill-31 ta’ Awissu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali presentata f’Awissu 2002 u msemmija fl-avviz in esami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------